**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 146/2018 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Rita Debono**
**(24268(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) t'April, 2018 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' hames mija u disgha u sebghin euro u hamsa u tmenin centezmi (€579.85) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40247303 liema somma l-konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 1937/16 u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018 u ghas-seduta tal-lum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluza l-kopja tal-ittra ufficjali surreferita.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum li permezz taghha ikkonferma bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimata lis-socjeta` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduti tat-2 ta' Lulju, 2018 u wkoll ghas-seduta tal-lum u lanqas ma prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' hames mija u disgha u sebghin euro u hamsa u tmenin euro (€579.85) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40247303, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 1937/16 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika lill-konvenuta tat-talba odjerna.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**